## 18 ta' Ġunju 1965

**Imħallef:**

## Onor. Prof. Joseph Henry Xuereb, LL.D.

Emanuele Micallef

*versus*

Joseph Aquilina

**Bejgħ — Riżoluzzjoni — Żiemel — Nuqqas ta' kwalità pattwita — Art. 1476 u 1481 tal-Kodiċi Ċivili**

*Il-bejjiegħ huwa obbligat li jagħti garanzija tax-xerrej f'Malta kontra difetti anke meta żiemel ikun inġib Malta ġdid, ammenochè din il-garanzija ma tkunx espressament eskluża. Għalhekk hemm lok għar-riżoluzzjoni tal-bejgħ jekk żiemel jinbiegħ bħala tajjeb għat-tiġrija jekk fil-fatt dan ma jkunx hekk tajjeb.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur wara li ppremetta li f'partit li għamlu l-kontendenti bejniethom ta' żewġ żwiemel il-konvenut asenjalu żiemel tat-tiġrija u hu barra milli assenja lill-konvenut żiemel ħallsu wkoll is-somma ta' mitejn u ħamsa u għoxrin lira (£225) u għalhekk in-negozju illi sar bejniethom għandu jitqies ta' vendita; u li rriżulta illi ż-żiemel assenjat lilu mill-konvenut m'għandux il-kwalità pattwita billi mhux tajjeb għat-tiġrija kif jirriżulta fit-trattazzjoni tal-kawża, talab li; premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti opportuni — jiġi riżolut in-negozju bejn il-partijiet għar-raġunijiet imsemmija u kundannat il-konvenut biex jirrestitwilu l-imsemmija somma ta' mitejn u ħamsa u għoxrin lira (£225) u ż-żiemel lilu assenjat minn l-attur jew il-valur tiegħu. Bl-ingħaxijiet mit-tnejn (2) ta' April 1964, data tal-ittra uffiċjali [illegible]

kwe azzjoni spettanti lill-attur għad-danni.

Omissis:

Billi l-attur qiegħed jitlob ir-riżoluzzjoni tan-negozju li kellu mal-konvenut imsemmi fiċ-ċitazzjoni peress li ż-żiemel li dan ikkonsenjalu ma' kienx tal-kwalità pattwita għaliex m'hux tajjeb għat-tiġrija; meta xehed huwa ppreċiża li dana ż-żiemel, meta ppruvah fil-ġiri, irriżulta li jitwaqqaf u anke ġie li dar lura apparti milli jmiss il-ħajt.

Illi l-konvenut ma ċaħadx dawna l-fatti deposti mill-attur fuq iż-żiemel, li għalhekk għandhom jitqiesu bħala provati, hu però qal li l-attur ħallas wara li pprova ż-żiemel u dan kien mgħoddi mill-veterinarju u żied li hu ma kienx jaf iż-żiemel li xtara minn barra u f'każi bħal dawn m'hemmx garanzija għall-ilmenti miġjuba mill-attur;

Illi mill-provi rriżulta li l-attur dejjem kien jgħid lill-konvenut bl-imġieba taż-żiemel però kien ukoll dispost li jipprova jagħmel kif jgħidlu fuqu l-konvenut u meta ħallas kien bl-idea li ż-żiemel jirriżulta tajjeb biex itellaq; kien meta għadda ż-żmien u seta' jinduna li dan ma kienx hekk li nsista biex jintlaħaq xi arranġament u, meta dan ma ntlaħaqx għamel dina l-kawża.

Illi kwantu għad-difetti lamentati mill-atur xehdu ż-żewġ tobba veterinarji Cassar u Restall fis-sens li żiemel li jitwaqqaf u jmur lura ma jistax jitqies tajjeb għat-tiġrija, apparti li jista' jkun wkoll perikoluż, u kwindi x-xerrej għandu dritt jirrifjutah jew ireġġgħu lura bħala ħaġa differenti minn dik li ried j...kwista; l-istess ħaġa qal "it-trainer" Farrugia. Dwar li żiemel imiss il-ħajt (sinjal li għandu bżonn ta' "calcium", li jidher meta jitħaddem sew) jidher li fl-idea ta' dawk li jinnegozjaw f'dawna l-bhejjem dana l-fatt jingħata mportanza

aktar milli x-xjenza tissuġġerixxi billi mħabba fih ġie li traġġa' lura negozju (xhieda ta' Micallef fol. 41) mentri li fatt simili jista' jkun ħażin jekk protratt u jġib miegħu konsegwenzi oħrajn li, fil-każ preżenti, ma rriżultawx li jeżistu;

Illi l-asserzjoni tal-konvenut fis-sens li garanzija kontra difetti simili ma tingħatax meta żiemel ikun ġdid (fol. 50) u li kwindi dawn ma jinteressawhx (fol. 17 fl-aħħar) hija negata mill-attur li qiegħed jinvokaha; it-tabib Cassar semma li teżisti (fol. 41) ammenokkè ma tiġix eskluża. Dan hu konformi mal-prinċipju stabbilit mil-liġi (art. 1476 u 1481 Kod. Ċiv.) u la darba l-konvenut mhux qiegħed igħid li ġiet eskluża espressament iżda biss li m'għandiex tkun inkluża bħala prinċipju, il-konklużjoni ma tistax tkun ħlief li l-garanzija għandha titqies li teżisti billi ma ġietx eskluża. Evidentement il-konvenut, li xtara ż-żiemel minn barra u ma laħaqx ikun jafu, qiegħed isibha diffiċli li għandu jkun tenut għal dina l-garanzija u għandu jkun tenut biss li juri li ż-żiemel jikkorrispondi għad-deskrizzjoni li ta tiegħu għall-fini tar-reġistrazzjoni ħalli jista' jtellaq; dana però mhux hekk fil-liġi, u, kif intqal, l-anqas fil-prattika u dina tiġi aċċettata. L-attur xtara mingħandu, u hu begħlu, żiemel li jkun tajjeb għat-tiġrija u dan kif spjegat, ma rriżultax hekk tajjeb u kwindi l-attur hu ntitolat li jirrisolvi l-kuntratt li sar fuqu;

Għal dawna l-motivi:

Tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet attriċi u tirrisolvi n-negozju msemmi fiċ-ċitazzjoni interċedut bejn il-kontendenti u kwindi tikkundanna lill-konvenut jirritorna lill-attur il-flus fl-ammont ta' mitejn u ħamsa u għoxrin lira (£225) u ż-żiemel li dan kien tah, billi fin-nuqqas tal-konsenja taż-żiemel, jagħtih il-valur tiegħu li, f'nuqqas ta' ftehim, jiġi likwidat f'ġudizzju separat salvi rapporti oħrajn bejn il-kontendenti mħabba r-rexissjoni tan-negozju skond il-liġi u kull azzjoni oħra. L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenut.